

Brussell, 28 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15232/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371 (COD)

ECOFIN 1240
CODEC 1839
RELEX 1595
NIS 33
FIN 1265
COEST 855

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14562/22 - COM (2022) 597 final
Suġġett:	Regolament li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)(<i>l-ewwel qari</i>) - Adozzjoni tal-att leġislativ - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)¹. Ir-Regolament propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti dwar il-finanzjament tal-appoġġ lill-Ukrajna, flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027² u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali³.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE (il-proċedura leġislattiva ordinarja).

¹ Dok. 14562/22.

² Dok. 14442/22.

³ Dok. 14443/22.

3. Fl-24 ta' Novembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ li tirrifletti l-fehma komuni tal-istituzzjonijiet li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiġix emendata. Għalhekk, għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill.
4. Sabiex l-abbozz ta' Regolament ikun jista' jiġi adottat mingħajr dewmien, il-Kunsill iddeċieda li, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iqassar il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tidher fid-dokument PE-CONS 63/22 f'laqgħa li jmiss;
 - jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Dok. 15019/22